MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 101/2004

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea)
vs
Joanne Ellul Sullivan, bint Andrew,
imwielda Pieta' fl-20 ta'
diċembru, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fl-4 ta' diċembru, 2003, fin-Naxxar, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi ħalqet pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żided jew biddlet klawsoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;

2. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi xjentement sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċlu għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubbllika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

3. talli saret reċidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-30 ta' ottubru, 2001 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' marzu, 2004 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 183, 188, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannha għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex sseħħ ħlief jekk fi żmien sentejn mil-lum l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------